MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tat-28 ta' Dicembru, 2011

Numru 420/2007

**Il-Pulizija**
**(Supt. Norbert Ciappara)**

**vs.**

**Robert Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Robert Spiteri, ta’ 28 sena, imwieled Pieta fis-17 ta’ April 1969, iben Carmelo u Catherine nee Galea, residenti, Nru 14B, Triq San Mikiel, Valletta, detentur tal-Karta tal-Identita numru 1607069(M).

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fit-28 ta’ Ottubru 2007 u matul l-ahhar gimghat ta’ qabel din id-data, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li kienu maghmulin b’rizoluzzjoni wahda:

a) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta’ persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita’ mogħtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

b) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

c) Talli fid-29 u fit-30 ta’ Ottubru 2007 kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-

Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Wara li rat illi fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2010, il-prosekuzzjoni ghalqet il-provi.

Wara li rat illi fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2011, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontrih. Din l-ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Wara li rat il-verbal tal-prosekuzzjoni maghmul fl-istess seduta, fejn l-ufficjal prosekutur informa lill-Qorti li l-imputat kien assista lill-pulizija b'informazzjoni u b'xhieda

guramentata li wasslet biex jitressqu terzi li ghaddejjin proceduri quddiem il-Qorti Kriminali, u li hu, cioe l-imputat, jinstab imsejjah xhud f'dawn il-proceduri wkoll. Ghaldaqstant, l-ufficjal prosekutur jiddikjara li l-imputat jista' jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li fl-istess seduta, l-ufficjal prosekutur informa lill-Qorti, illi wara li giet diskussa l-piena bejn id-difiza u l-prosekuzzjoni, id-difiza u l-prosekuzzjoni qed jaqblu li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 29, Robert Spiteri ghandu jinghata piena ta' tlett (3) snin prigunerija u multa;

Wara li semghet it-trattazzjoni tal-ufficjal prosekutur.

Ikkunsidrat:

**Htija**

Illi mill-provi migjuba - u mill-ammissjoni tal-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

**Piena**

Ghall-fini tal-piena, il-Qorti ikkunsidrat li l-imputazzjoni (b) hija assorbita fl-imputazzjoni (a) ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9, stante li serviet bhala mezz ghall-fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat ta' traffikar u bejgh tad-droga eroina.

Fil-kaz odjern, l-ammissjoni tal-hati mhix wahda bikrija, stante li l-kawza inbdiet fl-1 ta' Novembru 2007, u l-ammissjoni saret fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2011 – cioe iktar minn 4 snin wara li inbdiet. Jigi rilevat li din l-ammissjoni saret wara li l-prosekuzzjoni kienet iddikjarat li ghalqet il-provi taghha fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2010, u fil-fatt fil-fehma ta' din il-Qorti, il-prosekuzzjoni kienet ippruvat il-kaz taghha l'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, anki ghaliex l-imputat inqabad *in flagrante* mill-

pulizija ibiegh id-droga. Huwa ovvju li meta l-imputat sab ruhu daru mal-hajt, ammetta biex forsi jiehu xi mitigazzjoni fil-piena ghall-ammissjoni, u biex jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 billi jekk jigi deciz il-kaz odjern, huwa jkun jista' jixhed kontra terza persuna, li se tghaddi guri fil-granet li gejjin. Pero l-imputat xorta hela l-hin tal-Qorti u r-rizorsi tal-Pulizija, u ghalhekk m'ghandu jibbenefika minn ebda riduzzjoni fil-piena ghall-fatt li huwa irregistra ammissjoni – kwazi sentejn wara li l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha.

Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni il-fedina raffrettarja tal-imputat. Huwa nstab hati xejn inqas minn tlieta u hamsin (53) darba minn dawn il-Qrati ta' diversi tipi ta' reati, inkluz reati fuq droga u anki traffikar tad-droga eroina.

Ghall-fini ta' piena il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni id-dikjarazzjoni tal-ufficjal prosekutur li l-hati ghandu jibbenefika minn mitigazzjoni fil-piena a tenur tal-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101, stante li, skont l-ufficjal prosekutur, l-imputat ghen lill-pulizija sabiex tkun tista' tissekwestra mal-400 gramma eroina, u tressaq terza persuna li fil-fatt ser tghaddi guri fil-granet li gejjin. Fid-dawl ta' dina d-dikjarazzjoni, il-Qorti sejra tikkunsidra tnaqqis fil-piena ta' prigunerija b'zewg gradi u l-piena pekunjarja b'nofs.

Pero, fil-kaz odjern dan il-beneficcju huwa newtralizzat bil-fatt li l-hati ammetta wkoll ghall-imputazzjoni li r-reat tat-traffikar tad-droga kien wiehed kontinwat, u cioe li huwa kien ilu jittraffika droga ghal diversi gimghat qabel inqabad *in flagrante* fit-28 t'Ottubru 2007. Invista tal-fatt li dan kien reat kontinwat u meta wiehed jikkonsidra l-fedina penali raffrettarja tal-imputat, il-Qorti tqis li huwa gust li l-piena ghandha tizdied b'zewg gradi. Konsegwentement dan l-aggravanti, li jekwivali ghal zieda fil-piena ta' zewg gradi, jinnewtralizza il-beneficcju li l-imputat ghandu jinghata ta' tnaqqis fil-piena ta' zewg gradi a tenur tal-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101.

Il-Qorti tixtieq taghmilha cara li hi tqis it-traffikar ta' drogi bhala reat serjissimu, u ma huwa ebda attenwant il-fatt li

dan isir minn *drug addict* biex jiffinanzja l-problema tad-droga tieghu. Huwa vera li l-hati ma nqabadx b'ammont kbir hafna ta' droga eroina (3.21 grammi)[1] pero, kif diga inghad skond l-imputazzjoni ammessa minnu, hu kien ilu jittraffika ghal gimghat shah qabel inqabad. Min isofri mill-problema tad-droga u/jew ghandu problemi familjari ghandu jipprova jikkura ruhu u jfittex l-ghajnuna biex isolvi l-problemi familjari, u mhux jittraffika d-droga. Il-vizzju u l-problemi ta' dak li jkun ma jintitolahx jaghmel hsara lil haddiehor, u possibbilment jirvina anke zghazagh ohra. Fil-fatt mill-provi jirrizulta li fil-kaz odjern, l-imputat inqabad *red-handed* ibiegh id-droga sahansitra lil persuna minorenni.[2]

Kif irriteniet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Pulizija v. Charles Muscat**, deciza fid-9 ta' Mejju 2002: *"Illi din il-Qorti specjalment f'kazijiet bhal dawn relatati ma pprokurar u traffikar ta' droga trid tibbilancja ukoll l-interess tal-appellant u tar-riforma tieghu bhala cittadin mal-aspett punittiv u ta' deterrent ghalih u ghall-persuni ohra li imbarkaw jew behsiebhom jimbarkaw fuq attivita tant nociva ghas-socjeta bhala ma hu l-ispacc jew l-ipprokurar ta' droga, partikolarment fost persuni ta' eta tenera, fenomenu dan li ta' kulljum u kull ma jmur qed johloq pjaga fis-socjeta u bir-ragun jikkreja allarm socjali li jesigi li min jinstab hati ta' eghmil simili jahsad dak li jkun zergha f'termini ta' piena."*

Id-difiza u l-prosekuzzjoni dahlu f'xi tahditiet ghal patteggament dwar il-piena, u qablu li jipproponu piena ta' tlett snin prigunerija u multa. Din il-Qorti thoss li fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq maghmula, il-piena suggerita m'hix idonea ghal kaz.

## Konkluzjoni

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (i) u (ii) u 29 tal-Kapitolu 101

[1] Ara xhieda tax-xjenzat Godwin Sammut a fol. 96 tal-process.
[2] Ara stqarrija guramentata ta' Roderick Falzon a fol.64 tal-process.

tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, u l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, u tikkundannah ghal piena ta’ hames (5) snin prigunerija effettiva – li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li hawn instab hati taghhom - u multa ta’ tlett elef Euro (€3,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ mitt Euro (€100.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b’din is-sentenza erogata, u ghall-dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

In oltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta’ €156.17, li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b’dan li jekk l-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------